*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,074, 23 ta' Ġunju, 2023*

*Taqsima B*

**A.L. 122 tal-2023**

# ATT DWAR PROPRJETÀ TA' ENTIJIET EKKLESJASTIĊI (KAP. 358)

# ATT DWAR SELF TAL-GVERN U L-AMMINISTRAZZJONI TAD-DEJN PUBBLIKU (KAP. 575)

## Direttiva mill-Ministru għall-Finanzi għall-ħruġ ta' €1,078,200 Stock tal-Gvern ta' Malta bis-7%, 2033 (II)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 tal-Att dwar Proprjetà ta' Entijiet Ekklesjastiċi u bl-artikolu 28 tal-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku, u bis-saħħa tal-Ftehim bejn is-Santa Sede u Malta, iffirmat fit-28 ta' Novembru, 1991 u riprodott fl-Iskeda li tinsab mal-Att dwar Proprjetà ta' Entijiet Ekklesjastiċi, il-Ministru responsabbli għall-finanzi, awtorizza l-ħruġ tas-somma ta' miljun u tmienja u sebgħin elf u mitejn euro (€1,078,200) fi Stock tal-Gvern bis-sebgħa fil-mija (7%) f'isem il-Fondazzjoni tal-Iskejjel tal-Knisja kif ġej:-

Klawsoli ta' Azzjonijiet Kollettivi (KAK).

**1.** Il-ħruġ ta' dan l-istock huwa soġġett għat-termini u kundizzjonijiet tal-mudell tal-Klawsoli ta' Azzjonijiet Kollettivi (KAK), li saru mandatorji fit-titoli governattivi ġodda kollha taż-żona tal-euro, bil-perjodu ta' maturità 'l fuq minn sena (1), u maħruġa mill-1 ta' Jannar 2013 jew sussegwenti, skont id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011, u skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 12 tat-Trattat li jistabbillixxi l-Mekkaniżmu ta' Stabbilità Ewropea (ESM). Il-mudell tal-Klawsoli ta' Azzjoni Kollettiva (KAK) sħaħ fid-dettall kollu tagħhom jinsabu fuq il-websajt tat-Teżor www.treasury.gov.mt taħt it-taqsima tad-Direttorat tad-Debt Management.

Mod ta' ħruġ tal-istock.

**2**. L-istock li hu negozzjabli u ħieles mit-taxxa fuq id-dokumenti għandu jinħareġ bil-prezz ta' mitt euro (€100) għal kull sehem u għandu jkun allokat lill-Fondazzjoni tal-Iskejjel tal-Knisja f'multipli ta' mitt euro (€100) fit-30 ta' Ġunju 2023.

Rata ta' mgħax u dati tal-pagament.

**3**. (1) L-imgħax sħiħ għandu jitħallas b'lura kull sitt (6) xhur fit-30 ta' Ġunju u fit-30 ta' Diċembru ta' kull sena matul il-perjodu tal-istock. Ir-rata tal-interessi għandha tkun riveduta kull sentejn (2), li jibdew jgħoddu mill-ħruġ tal-istock, b'tali mod li jinżamm wieħed fil-mija (1%) anqas mir-rata massima normali tas-self skont il-liġi, sakemm dan qatt ma jkun anqas minn sebgħa fil-mija (7%).

(2) Il-ħlas tal-imgħax għandu jsir b'warrant, li jintbagħat bil-posta għand l-istockholder innifsu għar-riskju tiegħu jew f'xi fergħa ta' xi bank lokali, għand persuna jew korp ta' persuni li lilhom l-istockholder ikun, b'talba bil-miktub, awtorizza lill-Accountant General sabiex joħroġ il-warrant. L-ebda warrant ma għandu jitħallas sakemm ma tkunx debitament iffirmata l-irċevuta relattiva u tali irċevuta għandha tkun prova ta' ħlas favur l-Accountant General u l-Gvern.

(3) F'każijiet li l-istock ikun reġistrat f'ismijiet ta' żewġ (2) persuni jew aktar bħala stockholders konġunti, l-Accountant General jista' jagħmel il-ħlas bil-mod indikat aktar qabel lil dik il-persuna li isimha jkun jidher l-ewwel fuq ir-reġistru. Irċevuta ta' ħlas ta' mgħax mogħtija minn wieħed (1) jew tnejn (2) jew aktar stockholders konġunti għandha, sakemm ma jkunx hemm avviż kuntrarju li jingħata lill-Accountant General minn xi stockholder ieħor konġunt, tkun prova ta' ħlas tal-imgħax favur l-Accountant General u l-Gvern.

Negozjar fil-Borża ta' Malta. Kap. 345.

**4**. L-applikazzjoni sabiex l-istock jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali sabiex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta għandha ssir skont l-Att dwar is-Swieq Finanzjari. Tali stocks jistgħu jinbiegħu liberament lill-pubbliku bl-awtorizzazzjoni preċedenti tal-Konferenza Episkopali Maltija. Għat-tali stock jista' ukoll ikun negozjat bejn Entijiet Ekklesjastiċi barra l-Borża ta' Malta, ma tkunx meħtieġa tali awtorizzazzjoni, u għandu jkun ħieles mit-taxxa fuq id-dokumenti.

Piż fuq id-dħul u l-attiv.

**5.** L-istock u l-imgħax fuqu għandhom ikunu addebitati lid-dħul u l-attiv ġenerali tal-Gvern ta' Malta.

Fidi tal-istock.

**6**. L-istock għandu jinfeda bi premium ta' għaxra fil-mija (10%) fuq il-valur nominali tiegħu f'data bejn l-1 ta' Jannar 2033 u l-31 ta' Diċembru 2033, iż-żewġ dati inklużi, skont kif għandu jiġi stabbilit mill-Accountant General u avżat fil-Gazzetta.